**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 47**

IT-TLIETA 2 TA' OTTUBRU 2012 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Is-Sindku pproponiet li l-Minuti tas-seduta 45 jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe issekonda u dawn ġew approvati unanimament.
Is- Sindku pproponiet li 46 jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ipproponew. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Is-Sindku A. Vassallo u l-A/ Segretarju Eżekuttiv M. Pisani ffirmaw il-Minuti tas-seduti 45 u 46.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i B' referenza għall-każ tal-Lufthansa is- Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret laqgħa ma' l-uffiċċjal tad- Dipartiment għall-Gvern Lokali , is-Sur A. Mifsud, fejn il-Kunsill ta l-verżjoni tiegħu. Hija nfurmat ukoll li għaddietlu d-dokumenti kollha relevanti. Is-Sur A. Mifsud informa li se jkollu laqgħa wkoll ma' l-AKL dwar dan il-każ.

ii Is- Sindku nfurmat li l-parking bays fi Triq il-Prinċipessa Margerita għalissa se jsiru forma ta' T's. Hija nfurmat ukoll dwar l-iskema ta' l-ippakjar għar-residenti fl-istess triq u qalet li din se tiġi nkorporata fl-proġett li huw maħsub li jsir fl-istess triq.

iii L-A/ Segretarju Eżekuttiv M. Pisani nfurmat li minkejja li ntbgħatu diversi reminders dwar id-devoluzzjoni tax- Xatt ta' Ta' Xbiex għad m'hemm l-ebda risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

iv Is-Sindku ppreżentat il- kwotazzjoni biex jiġi mibdul il-globu taz-zuntier tal-Knisja. Dan ġie approvat u se jitwaħħal mill-kuntrattur fil-jiem li ġejjin.

v Il-Kunsill ġie nfurmat li reġgħet saret sejħa biex jintlaqgħu applikazzjonijiet biex jimtela' l-post ta' A/Segretarju Eżekuttiv.

vi Dwar il-programm ta' Youth in Action il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjonijiet ta' żewġ żgħażagħ intbagħtu lill-AKL.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A.Segretarju Ezekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SIDNKU

i Is- Sindku nfurmat bil-korrispondenza tar- Royal Malta Yacht Club dwar permess biex jitpoġġew containers fix-Xatt in konessjoni mal-Middle Sea Race. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li nimxu bl-istess kriterji tas-sena l-oħra.

ii Is- Sindku ppreżentant l-ittra ta' l-Avukat L. Bianci għan-nom tal-Middle Sea Insurance u s-Sur Sant Fournier dwar *claim* ( €1002.75 )għall-ħsara li ġarrab fil-karozza tiegħu minnħabba pothole fi Triq ix-Xatt. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie nnutat li r-rapport tal-Pulizija minbarra li huwa datat f' Marzu ta' din is-sena jistipula' li l-inċident ġara fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Avukat tal-Kunsill jieħu ħsieb jikkomunika dan il-fatt lill-Avukat L. Bianci.

iii Is- Sindku rreferiet għax-xogħlijiet li l-Kuntrattur E. Magro kien qed jagħmel fil-flats tal-Housing Estate bħala parti mill-proġett Manutenzjoni fl-Oqsma Binjiet tal-Gvern. Hija nfurmat li l-Perit ta' l-Awtorita' tad-Djar ħarget it-tieni pagament lill-kuntrattur iżda żammet bilanċ pendenti ta' €8,974.87 peress li x-xogħlijiet stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet ma sarux kif suppost. Is-Sindku rrapurtat li l-Kuntrattur talabha li tiġi rrilaxata l-garanzija bankarja. Hija nfurmat li tkellmet kemm mal- Kuntrttur kif ukoll mal-Perit tal-Housingt u kien hemm qbil li x-xogħlijiet għandhom jiġu rranġati biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm dannu għar-residenti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A.Segretarju Ezekuttiv

## III KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU - tkompli

iv Is-Sindku ppreżentat kopja ta' korrispondenza li s-Sur J. Meli kiteb lill-Prim Ministru bħala parti minn petizzjoni għan-nom ta' xi residenti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u s-Sindku ħadet l-inkarigu li fejn hu possibli tindirizza d-diffikultajiet msemmija.

v Is-Sindku nfurmat li s-Sinjura Marion Psaila Bugelli offriet li tibda' tgħin fil-librerija pubblika fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

vi Il-Kunsill iddiskuta l-iskema tal-ETC għall-persuni b'dizabbilita'. Il-Kunsillier E. Muscat qal li hawn resident li jixtieq jigi jaħdem il-Kunsill permezz ta' din l-iskema. L-A/Segretarju Ezekuttiv għamlet xi proposti ta' xogħol li jista' jitwettaq permezz ta' din l-iskema. Il-Kunsill qabel li ssir l-applikazzjoni.

## IV KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li l-bins mhux qed jitbattlu regulari u anke hemm oħrajn li qatt ma jitbattlu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ssir lista tal-bins kollha li hawn fil-Lokalita' biex tingħata lill-kuntrattur u anke' tkun tista' issir sorveljanza aħjar.

ii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li s-sistema tal-one way ħdejn il-Blokk D4 għandha bżonn tiġi rranġata u ta xi suġġerimenti dwar dan. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li niktbu lit-TM u nitolbu li l-aħħar bicca tat-triq issir "*no entry except for residents*".

iii Il-Kunsillier E. Muscat irrapporta li minkejja li l-mera fi Triq il-Principessa Margerita ġiet irranġata diversi drabi din xorta għada m'hix tajba. Huwa ppropona li din għandha tinbidel. Il-Kunsill qabel ma dan.

iv Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li hemm diversi lampi fix-Xatt li mhux qed jixgħelu. Il-Vici Sindku qal li anke ġew misruqa xi fanali ohra. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li niktbu lill-Ministru G. Pullicino biex dawn jinbidlu u jsiru bħal dawk li ġew installati riċentament bħala parti mill-proġett tal-Marina.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A.Segretarju Ezekuttiv

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

i L-A/Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-Rapport Finanzjarju (nofs is-sena) li kien gie ċċirkulat minn qabel lill-Kunsillieri. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li dan jiġi approvat. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dan ġie approvat unanimament.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li saret sejħa għall-offerti għal:

- Tender Ref: TXLG/01/2012 - Resurfacing of Triq l-Imradd, Ta' Xbiex
- Tender Ref: TXLG/02/2012 - Supply & Installation of PV Panels System for various sites in Ta' Xbiex
- Tender Ref: TXLG/03/2012 - Upgrading of areas within the Housing Estate of Ta' Xbiex -

## VI APPROVAZZJONI U XIRI TA' PAGAMENTI

i Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti nru 41 (inkluż il-Petty Cash) li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri.

Il-laqgħa spiċċat fit-20:30 u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 8 ta' Novembru 2012 fil-17:30.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — A.Segretarju Ezekuttiv